**26 ta' Mejju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Karl Bonello *noe*

*versus*

Emanuel Baldacchino u Andrew Bezzina

**Konvenju - Hlas ta' Depożitu - Kontro-talba - Artikolu 396 tal-Kap. 12**

*L*-accountant *tal-konvenuti xehed li hu kien spjega lill-konvenuti li jekk il-kuntratt finali ma jsirx, l-ammont depożitat irid jiġi rritornat.*

*Il-kontro-talba trid tkun f'kawża bejn l-istess partijiet. Il-kawża odjerna qed issir kontra l-konvenut personalment waqt li d-danni li kienu qed jintalbu fil-kontro-talba kienu danni tas-soċjetà li mhix parti f'din il-kawża. Għalhekk il-Qorti ċaħdet din it-talba.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur *nomine* ppremetta illi b'konvenju ffirmat fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Awissu, 1991, il-konvenuti obbligaw ruħhom illi jbiegħu u jittrasferixxu lill-attur *nomine*, illi aċċetta u obbliga ruħu illi jixtri u jakkwista l-ishma kollha fis-soċjetà Tal-Magħtab Limited, taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fl-istess konvenjut (dok. A);

U premess illi bi skrittura ffirmata fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar, 1992 il-kontendenti kienu ftehmu illi jestendu l-perijodu ta' validità ta' l-istess konvenju sa mhux aktar tard mill-wieħed u għoxrin (21) ta' April, 1992 (dok. B);

U premess illi l-attur *nomine* kien ħallas depożitu ta' sitt elef u tmien mitt lira Maltija (Lm6,800) lill-konvenuti akkont tal-prezz miftiehem bejn il-kontendenti;

U premess illi l-perijodu ta' validità tal-konvenju msemmi, miftiehem bejn il-kontendenti għalaq, u konsegwentement l-effetti tal-wegħda ta' bejgħ u xiri spiċċaw;

U premess illi l-konvenuti, għalkemm interpellati sabiex jirrifondu l-imsemmi depożitu ta' sitt elef u tmien mitt lira Maltija (Lm6,800) lill-attur *nomine*, baqgħu inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;

U premess illi l-attur *nomine* kien ikkonsenja lill-istess konvenuti kompressur u diversi aċċessorji, liema oġġetti l-konvenuti qegħdin jirrifutaw illi jirritornaw lill-attur *nomine* mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;

L-attur *nomine* talab li din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet fuq premessi, u previa kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom, sabiex jirrifondu ossia jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' sitt elef u tmien mitt lira Maltija (Lm6,800) rappreżentanti d-depożitu mħallas mill-attur *nomine* u indebitament ritenut mill-konvenuti;

Tordna lill-konvenuti jirrifondu, f'terminu li jogħġobha tipprefiġġi dina l-Onorabbli Qorti, il-kompressur u l-aċċessorji proprjetà u kkonsenjat lilhom mill-attur *nomine*, fl-istat pristinu tagħhom;

U fin-nuqqas illi jirrifondu l-imsemmi kompressur u aċċessorji fi żmien li jiġi lilhom prefiss, tikkundanna lill-istess konvenuti, solidalment bejniethom, iħallsu lill-attur *nomine* dik is-somma illi tiġi llikwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rappreżentanti l-valur ta' l-istess kompressur u

aċċessorji;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali b'effett mill-wieħed u għoxrin (21) ta' April, 1992 sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjonii ta' l-attur *nomine* a fol. 2;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 21 fejn eċċepew illi:

Preliminarjament l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti *ratione materiae*;

Fil-meritu u bla preġudizzju għall-premess, illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur *nomine* stante li ebda refużjoni mhi dovuta mill-eċċipjenti lis-soċjetà attriċi peress illi l-konvenju msemmi fl-att taċ-ċitazzjoni skada u spiċċa l-effett tiegħu minħabba nuqqasijiet attribwibbli esklussivament lill-istess soċjetà attriċi, b'konsegwenza ta' tali nuqqasijiet l-eċċipjenti soffrew danni inġenti li għalihom għandu jirrispondi l-attur *nomine*;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti a fol. 23 u n-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-attur *nomine* a fol. 30 fejn eċċepixxa:

Illi l-azzjoni tal-konvenuti hija insostenibbli stante illi mhijiex preċeduta mill-preżentata ta' att ġudizzjarju a tenur ta' l-artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), l-effetti kollha tal-konvenju spiċċaw bl-għeluq tat-terminu pattwit bejn il-partijiet

u kwindi l-attur ma jistax jiġi obbligat iħallas id-danni allegati mill-konvenuti;

Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent daħal għal dan il-ftehim in buona fede u kellu raġunijiet validi skond il-liġi u stipulati fl-istess konvenju, sabiex jiġġustifika n-nuqqas tiegħu illi jersaq għall-iffirmar ta' l-att tat-trasferiment definittiv;

Illi, mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, it-talbiet tal-konvenuti, għad-danni pretiżi, huma infondati fil-fatt u fid-dritt, billi, fi kwalunkwe każ, il-konvenuti ma soffrewx id-danni allegati;

Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-deċiżjoni preliminari tagħha a fol. 47 li biha l-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inkompetenza ssollevata mill-konvenuti u ddikjarat ruħha kompetenti, fol. 48;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lix-xhieda bil-ġurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

L-attur qed jitlob li l-konvenuti solidalment bejniethom jirrifondu s-somma ta' Lm6,800 rappreżentanti depożitu mħallas mill-attur lill-konvenuti;

Li jirrifondu kompressur u l-aċċessorji, proprjetà ta' l-attur, ikkonsenjati lill-konvenuti, u fin-nuqqas, iħallsu l-valur tagħhom;

Fl-eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti eċċepew:

Preliminarjament l-inkompetenza ta' dina l-Qorti *rationae materiae*;

Fil-meritu eċċepew li ebda refużjoni mhi dovuta peress illi l-konvenju skada minħabba nuqqasijiet attribwibbli esklussivament lill-istess soċjetà attriċi, b'konsegwenza ta' hekk huma soffrew danni inġenti u għalihom għandu jirrispondi l-attur *nomine*;

Fil-kontro-talba tagħhom il-konvenuti talbu li l-Qorti tiddikjara li l-konvenju msemmi skada minħabba nuqqasijiet attribwibbli lill-istess attur *nomine*;

U talbu d-danni;

L-atturi eċċepew li l-azzjoni hija insostenibbli billi mhix preċeduta mill-preżentata ta' att ġudizzjarju a tenur ta' l-artikolu 1357 tal-Kap. 16;

Li l-attur kien ġustifikat li ma jersaqx għall-iffirmar ta' l-att tat-trasferiment relattiv;

U li l-konvenuti ma soffrew ebda danni;

Mill-provi jirriżulta li l-attur *noe* kien ta lill-konvenuti Lm6,800 depożitu fuq konvenju li bih l-attur kien ser jixtri l-ishma tal-kumpannija tal-konvenuti, Magħtab Limited, taħt il-kundizzjonijiet hemm imsemmija;

Dwar il-kwistjoni jekk id-depożitu kienx wieħed li jintilef jew le, l-attur xehed li l-ftehim kien li jekk hu ma jirnexxilux

jottjeni finanzjament għall-proġett id-depożitu kellu jiġi rritornat. Baldacchino xehed li mhux veru li kien hemm dan il-ftehim u Bezzina xehed li ma jiftakarx. Iżda l-versjoni ta' l-attur hi kkonfermata mill-*accountant* tal-konvenuti, Joe Falzon, li xehed li hu kien spjega lill-konvenuti li jekk il-kuntratt finali ma jsirx, l-ammont iddepożitat irid jiġi rritornat. Huma kienu aċċettaw dina l-kundizzjoni u ffirmaw. Huma ffirmaw mingħajr kondizzjoni. Inoltre, fin-nota tal-konvenuti dana l-punt ma ġiex persegwit;

Hi għalhekk fuq dina l-kwistjoni l-Qorti tiddeċidi li fil-fatt id-depożitu kellu jiġi rritornat jekk l-attur ma jġibx il-flus. Jidher li l-attur kien ipprova jiffinanzja dan il-proġett iżda ma rnexxilux. Konsegwentement l-ewwel talba ta' l-attur għandha tiġi milqugħa;

Dwar it-tieni talba ta' l-attur jirriżulta li l-attur kien ta kompressur u *spray guns* lill-konvenut Baldacchino. Bezzina xehed li hu żamm dan il-kompressur għandu għax l-attur għandu jagħtih ta' xi xogħol ieħor li għamillu. Fuq dana l-punt il-Qorti tiddeċiedi li l-liġi ma tippermettix li drittijiet jittieħdu b'dana l-mod. Għalhekk anke dina t-talba għandha tiġi milqugħa;

Il-konvenuti qed jitolbu d-danni għax qed jgħidu li huma soffrew danni billi ma sarx il-kuntratt. Inoltre, matul iż-żmien tal-konvenju, huma għamlu spejjeż fuq talba ta' l-attur;

Skond l-artikolu 396 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili: "fil-kawżi, il-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba ta' l-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:

(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba

ta' l-attur; jew

(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha";

Il-kontro-talba trid tkun f'kawża bejn l-istess partijiet. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Vassallo *vs* Schewej**, Mejju, 1995;

Ma jidhirx li l-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili jippermetti li min mhuwiex in kawża, li jippreżenta atti jew li jagħmel sottomissjonijiet f'xi kawża li fiha huwa ma jkunx parti, jew ma jkunx intervjena - kif tirregola l-liġi fil-Kap. 12;

Fil-każ in eżami l-kawża saret kontra l-konvenuti personalment; il-konvenuti dehru fuq il-konvenju personalment u issa fil-kontro-talba tagħha qed jitolbu danni li soffriet il-kumpannija Magħtab Ltd. u dan qed jagħmluh għan-nom tagħha. Fil-fatt huma kwantifikaw danni li jirrigwardaw il-kumpannija Magħtab per eżempju, xogħol fuq *cranes*, impjieg ta' ħaddiema u *overdrafts* u *loans* li saru lil Magħtab Ltd. (Dok. ara fol. 188). Il-konvenut Bezzina xehed li bil-flus li kienu ser idaħħlu mingħand l-attur huma kien ser iħallsu bihom id-dejn li kellha l-kumpannija. Jiġi inoltre rrilevat li bħala valur l-ishma tal-kumpannija kien nil u ġew stmati l-*assets* li kellha l-kumpannija u mhux in-negozju li kienet qed tagħmel. Kif qal l-*accountant*, il-kumpannija kienet insolventi;

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li dwar il-kontro-talba d-danni, jekk qatt kien hemm, dawn ma ġewx sofferti mill-konvenuti personalment iżda minn Magħtab Ltd. li mhix parti f'dina l-kawża;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur;

U dwar it-tieni talba tordna lill-konvenuti solidalment jirrifondu fi żmien ġimgħa l-kompressur u l-aċċessorji proprjetà ta' l-attur *nomine* fi stat pristinu tagħhom;

U fin-nuqqas li jagħmlu dana tikkundannahom iħallsu s-somma ta' Lm450 rappreżentanti l-valur ta' l-istess kumpressur u aċċessorji;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali b'effett mill-wieħed u għoxrin (21) ta' April, 1992 sal-pagament effettiv;

Tiċħad il-kontro-talba tal-konvenuti bl-ispejjeż kontra tagħhom.